CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

It-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fid- 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fid-3.05pm.

**59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

59.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

59.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tmienja u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

59.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.3.1 Is- Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu mas- Sinjura Marcon Caruana tal-Valletta 2018 fir-rigward ta' l-attivitajiet li ser isiru ġewwa l-Mdina fl-okkazjoni tas- Sena Kulturali Ewropea Valletta 2018 fejn fosthom ser tittella' l-attivita' bl-isem ta' Utopian Nights bejn id- 29 ta' Ġunju u l-5 ta' Lulju ġewwa Howard Gardens.

59.3.2 Is- Sindku qal li ġie nfurmat mid- Direttur għal-Gvern Lokali li qed isiru taħdidiet mal-Planning Authority fir-rigward tal-propost Car Park mill-Kunsill. Il-Kunsill bħala UIF funds għandu allokati s'issa € 11,800 u dawn ser jkunu jintuzaw bħali parti mitluba mill-awtorita' li tammonta għal- € 29,000 biex jibda l-proċess' ta'l-applikazjoni.

59.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fejn kien hemm bzonn li jinbidlu l-bozzoz tal-bollards li jinsabu ġewwa Howard Gardens, dawn saru kollha.

**59.4 Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Ġunju sa Settembru 2017.**

59.4.1 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kamra kopja tar-rapport finanzjarju għat-tlett xhur minn Ġunju sa Settembru 2017. Kopja ta' dan id-dokument ingħatat lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

59.4.2 Is- Segretarju qal li matul din is-sena, il-Kunsill kompla jindirizza d-deficit fejn irnexxielu anke jagħmel sa' l-aħħar ta' Settembru surplus ta' € 69,829. Huwa qal li dan it-trend posittiv finanzjarju ser iwassal li sa' nofs is-sena d-dieħla dan id-deficit jinqata' kompletament u l-indikaturi finanzjarji jibdew juru aspetti posittivi u dan kwazi sena qabel dak previst. La darba dan iseħħ, il-kunsill jkun jista' jerġa jibda jidħol għal proġetti kapitali.

**59.5. Laqgħa mal-Perit Mireille Fsadni- Restoration Diretorate**

59.5.1 Matul din il-laqgħa, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Gvern Ċentrali beħsiebu jintroduċi tabelli *wayfinding*/ informazzjoni fejn dawn juru informazzjoni fuq postijiet storiċi ġewwa l-Mdina. Huma pprezentaw dan il-proġett għal-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill wara li assista għal din il-presentazzjoni ddeċieda li jagħmel laqgħa apposta fuq dan il-proġett għal evalwazzjoni.

**59.6 Ikla tal-Milied**

59.6.1 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda xi kwotazjonijiet għal ikla annwali tal-milied li ssir għar residenti fejn il-Kunsill għazel li jagħmel din l-ikla il-Palazzo Bottegin.

**59.7 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

59.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib iddata tal-11 ta’ Diċembru 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 43,427.88

59.7.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant li kien issekondat mill- Kunsilliera Maryann Sultana Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**59.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

58.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra,l-laqgħa ġiet aġġornata għal 10 ta’ Jannar 2018 fit-3pm

__________________
Peter Sant Manduca
Sindku

__________________
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 10-01-2018_______